# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ġimgħa 28 ta' Frar, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 114/20 TA**

**Lara Grech (K.I. Nru. 448486M)**

**vs**

**Christian George Grech (K.I. Nru. 461184M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Lara Grech tat-23 ta' Jannar 2020;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Jannar 2020;

Rat ir-risposta tal-intimat tal-24 ta' Frar 2020;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-proċeduri;

Semgħet lill-partijiet jixhdu fis-seduta tal-25 ta' Frar 2020;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fl-istess seduta;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet kamerali;

**Ikkunsidrat**

Omm il-kontendenti mietet fis-16 ta' April 2019. Fis-26 ta' Frar 2019, fl-atti tan-Nutar Daniel John Bugeja l-imsemmija għaddiet b'donazzjoni lill-intimat sehemha mill-fond bl-isem "The Arch", fi Triq Salvu Bonanno, San Ġwann kif aħjar deskritt f'dawn il-proċeduri (ara a' fol 15). Ir-rikorrenti presentat kawża li permezz tagħha qed tressaq il-pretensjonijiet fis-sens li dan il-kuntratt ta' donazzjoni huwa null stante li-kunsens tal-imsemmija Josephine Grech kien ivvizzjat (ara a' fol 5 sa 15). Konsegwentement ir-rikorrenti qed titlob li l-intimat jiġi inibit milli jagħmel dak li qed jintalab in kawtela tal-pretensjonijiet tagħha kif dedotta bil-kawża imsemmija.

Il-Qorti tibda biex tagħmilha ċara li tintlaqa' jew ma tintlaqax talba għall-ħrug ta' Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat jew intilef (ara **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti deċiża fil-31 ta'Jannar 2011 per Onor Imħallef J. Zammit McKeon**). Fi ftit kliem, dak li ser jingħad f'dan id-digriet, għandu biss valur ai fini ta' **dawn** il-proċeduri. Iġifieri, kemm jekk jintlaqgħu t-talbiet tar-Rikorrenti u kemm jekk le, is-sustanza tal-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet f'dawn il-proċeduri għad trid tkun ikkunsidrata *ad funditus* minn dik il-Qorti li ġiet adita biex tikkunsidra mertu propju.

Il-pretensjoni ta' min ikun qiegħed jitlob il-ħruġ ta' mandat bħal dan trid tirrisulta mad-daqqa t'għajn u ċioe' prima facie. Di piu' l-Qorti

m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx sodisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċessita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli (ara fost oħrajn **Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet Angelo Xuereb et noe vs Marin Hili et noe, Rikors Numru 3135/94.**)

Il-Qorti kellha opportunita' tisma' ix-xhieda tal-partijiet li daħlu f'ċertu dettal li għall-iskop ta' dawn il-proċeduri *stricto iure* ma kienx hemm ħtieġa tagħhom. In konsonanza mat-tagħlim fuq imsemmi, din il-Qorti ma hiex adita biex tistabilixxi min mill-partijiet għandu raġun fil-mertu u sustanza tal-pretensjoni. Dan qiegħed jingħad, kemm sa fejn jirrigwarda l-pretensjonijiet tar-rikorrenti u kif ukoll id-difiżi tal-intimat. Ikun xi jkun l-eżitu ta' dawn il-proċeduri l-posizzjoni jibqgħu impreġudikati quddiem dik il-Qorti li finalment trid tiddeċiedi dwar l-istess.

Minn dak li semgħet u minn dak li rat bħala dokumenti, il-Qorti tħoss li ai fini ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti irnexxielha tipprova li jesistu l-elementi kollha sabiex it-talbiet tagħha jiġu milqugħa.

Għaldaqstant il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħdha tilqa' definittivament it-talbiet tar-Rikorrenti Lara Grech kif mitluba fir-rikors tagħha tat-23 ta' Jannar 2020 u tordna il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni opportun u konsegwenzjalment qegħdha ukoll, tikkonferma d-digriet

tagħha tat-23 ta' Jannar 2020 inkwantu kienet ordnat l-ispedizzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni proviżorju.

Il-Qorti qed tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet biex jaghmlu dak li titlob minnhom il-liġi.

Spejjes tal-istanti riservati għal mal-ġudizzju finali.

**Mogħti kameralment illum, 28 ta' Frar, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**